Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2433/2000/1

**Cit Nru: 2433/00 JA.**

**David Felice A & CE f' ismu proprju kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' civili Architecture Project kif kostitwita skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 390 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**-vs-**

**Mediterranean Film Studios Limited u Rinella Entertainment Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2000 li bih l-attur ippremetta:

Illi l-Mediterranean Film Studios Limited inghata b' titolu ta' cens temporaneju minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-kumpless maghuf bhala "The Rinella Studio (sic)Fim Facilities" kif ukoll il-bini maghruf bhala Fortizza San Rokku u l-art ta' madwar, li b' kollox jammonta ghal kejl ta' tnejn u ghoxrin elf, hames mija u erbghin metri kwadrati (22,540 Sq M).

Illi fil-15 ta' Jannar, 1997, Konrad Buhagiar ta' Architecture Project applika f' isem il-Mediterranean Film Studios ghal permess sabix fil-fond Fortizza San Rokku jitbiddel l-uzu tal-bini li kien jintuza ghall-amministrazzjoni u hzin ghal uzu ta' "Cinema Village". L-applikazzjoni kienet tinkludi bidliet strutturali, "landscaping" u "display sign".

Illi l-permess inghata fit-8 ta' Mejju, 1998 (Kopja annessa bhal Dok A) u skond kundizzjoni f' dan il-permess, l-applikant Mediterranean Film Studios Limited kellha tghati garanzija bankarja ta' sebgha u erbghin elf lira (Lm47,000) bix tkopri nuqqasijiet li setghu jirrizultaw minn "landscaping, restoration, reinstatement" u "related management works".

Illi skond kundizzjoni ohra fil-permess, sabiex jigu rilaxxjati dawn il-garanziji, kellhom jigu pprezentati diversi rapporti sabiex l-Awtorita' tkun soddisfatta li x-xogholijiet kienu ser isiru skond ir-regolament.

Illi Rinella Entertainment Limited inkarigat lill-istess attur pro et nomine sabiex ihejji dawn ir-rapporti mehtiega mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, liema rapporti fil-fatt tlestew u ew sottomessi skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess Rinella Entertainment Limited.

Illi l-attur pro et nomine baghat ‘invoices’ (kopji annessi bhala Dok B sa Dok D) lill-Rinella Entertainment Limited ghall-ammont ta’ tmint elef, disa’ mija, tlieta u disghin lira Maltija (Lm8,993) ghall-hlas tad-drittijiet professjonali u l-ispejjez ta’ dawn l-rapporti.

Illi permezz ta’ ittra datata 14 ta’ Lulju 2000 mibghuta lill-attur pro et nominee (Kopja annessa bhala Dok E), Jost Merten ghan-nom ta’ Rinella Entertainment Limited irrikonoxxija l-ammont mitlub u spjega illi minhabba difikultajiet finanzjarji, ma sethux ihallsu l-ammont dovut immedjatament.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

Tikkundanna lill-kumpnniji konvenuti solidament bejniethom jew min minnhom ihallsu lill-attu pro et nomine is-somma ta’ tmint elef, disa’ mija, tlieta u disghin lira Maltija (Lm8,993) ghall-hlas tad-drittijiet professjonali rezi lilhom fuq ordni taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat it-30 ta’ Ottubu 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-daa tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra l-kumpanniji konvenuti li minn issa qieghdin jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur propio et nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Meditterenean Film Studios Limited ipprezentata fit-8 ta’ Frar, 2001 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondat fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet segwenti u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw matul is-smiegh ta’ din il-kawza;

2. Illi preliminarjament il-Kapitolu 309 li hemm riferenza ghalih fl-okkju tal-kawza kien l-Att dwar Assistenti Gudizzjarji u xhieda b' Affidavit, liema att thassar permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995 u l-A.L. 5 ta' l-1996;

3. Illi s-socjeta' eccipjenti ma' ghandha l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant mhijiex il-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici, stante li l-inkarigu professjonali li ghalih saret riferenza ma nghatax minnha, izda mis-socjeta' Rinella Entertainment Limited, skond ma jirrizulta mill-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta' rappresentata mill-attur *noe* u s-socjeta' Rinella Entertainment Limited esibita mill-attur stess.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn Jost Merten fit-8 ta' Frar, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u semghet it-trattazzjoni tal-Avukati kif ukoll il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi kif jidher min nota tal-eccezzjonijiet il-kwistjoni hija liema mis-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont douvt lill-attur. Is-socjeta konvenuta Mediterrenean Film Studios qed teccepixxi li ma ghandha ebda rapport kontrattwali mas-socjeta attrici u l-ammont ghandhu jithallas mis-socjeta l-ohra konvenuta u cioe Rinella Entertainment Limited.

Skond l-attur David Felice l-ewwel darba li sema bl-esistenza ta din is-socjeta' imsemmija (Rinella Entertainment Ltd) kien fl-14 ta' Lulju 2000 meta rcieva ittra b' letter head taghha. Qal li sa dak in nhar il-kontijiet kienu jintbghatu lill certu Mark

Caruana li skond l-istess attur huma kienu jahsbu illi kien rapresentant tal-Mediterranean Film Studios Limited. Qal ukoll
li l-invoices li kienu jinhargu fuq l- Mediterranean Film Studios Limited kienu jithallsu. Hadd ma avzah formalment biex jibghat il-fatturi f' isem Rinella Entertainment Ltd. (kontro ezami a fol 152 et seq tal-process). Meta xehed in ezami kien qal illi gew inkarigati fl-1996 mill- Mediterranean Film Studios Limited u ezattament mid-diretturi Charles Falzon u Walter Bonnici. Qal ukoll li principalment kienu jitkellmu mal-imsemmi Caruana.

Dan Mark Caruana xehed permezz tal-affidavit kif xehdet Kathleen Debrincat li qalu li l-progget kien ta' Rinella Entertainment Ltd u dawn qalu illi kien meta l-invoices ma bdewx jithallsu li imbaghad bdew jigu indirizzati lill-Mediterranean Film Studios Limited. Dawn pero' it-tnejn qalu li huma impjegati mal- Mediterranean Film Studios Limited.

Jidher li dan kien progett inizjat mill- Mediterranean Film Studios Limited ghaliex anke l-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar hargu f'' isem Mr Jack Mc Adam f' isem l-Mediterranean Film Studios Limited. Illi jidher li l-atturi kellhom kuntatti ma' persuni li kienu jafuhom bhala impjegati tal-Mediterranean Film Studios Limited u kwindi kellhom kull raguni biex jahsbu li kienu qed ikollhom x' jaqsmuu maghhom kontrattwalment. Mhux eskluz li f' xi zmien baghtu l-kontijiet lill Rinella Entertainment izda dan issa ma ghandhiex jintuza biex l- Mediterranean Film Studios Limited tahrab mill-obligi taghha ghaliex il-kumpanija l-ohra ma ghandhiex assi.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talba attrici billi tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment bejnithom is-somma ta' tmint elef, disa' mija, tlieta u disghin lira Maltija**

**(Lm8,993.00) lill-attur nomine bl-imghaxijiet legali b' effett mit-30 ta' Ottubru 2000; l-ispejjes jithallsu mill-konvenuti bl-istess mod.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------